



Statistika ġudizzjarja 2009

In-numru ta' sentenzi mogħtija fl-2009 huwa fost l-oġġla fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja

L-istatistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja għas-sena 2009 globalment tindika żieda fil-produttività u żamma ta' effikaċja sodisfaċjenti fir-rigward it-tul tal-proċeduri. Barra minn dan, għandha tiġi ukoll osservata tendenza għaż-żieda kostanti għal talbiet għal deċiżjonijiet preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għalqet b'dan il-mod 543 kawża fl-2009, ħaġa li tirrappreżenta żieda sinjifikattiva meta mqabbla mas-sena ta' qabel (495 kawża magħluqa fl-2008). Minn fost dawn il-kawżi, 377 nqatgħu b'sentenza u 165 b'digriet. In-numru ta' sentenzi mogħtija fl-2009 huwa fost l-oġġla fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja.

561 kawża ġdida tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li jirrappreżenta tnaqqis żgħir meta mqabbel mas-sena 2008 (592 kawża mressqa). Madankollu, għandu jiġi enfastizzat li n-numru ta' kawżi għal deċiżjonijiet preliminari mressqa fl-2009 huwa l-oġġla li qatt intlaħaq (302 kawża).

Fir-rigward tat-tul tal-proċeduri, l-istatistika hija pożittiva ħafna. F'dak li jirrigwarda r-rinviji għal deċiżjonijiet preliminari, dan il-perjodu huwa ta' 17.1 xhur, perjodu li huwa kważi l-istess għal dak tal-2008 (16.8 xhur). Fir-rikorsi diretti u fl-appelli, it-tul medju tal-ipproċessar tal-kawżi kien rispettivament ta' 17.1 xhur u 15.4 xhur (16.9 xhur u 18.4 xhur fl-2008).

Minbarra r-riformi tal-metodi ta' xogħol tagħha li seħħew matul l-aħħar snin, it-titjib fl-effikaċja tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-ipproċessar ta' kawżi huwa wkoll dovut għall-użu ikbar ta' strumenti proċedurali differenti li huma għad-dispożizzjoni tagħha sabiex jitħaffef l-ipproċessar ta' ċerti kawżi (proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, prijorità fl-għoti ta' deċiżjoni, proċedura mħaffa, proċedura semplifikata u għoti ta' deċiżjoni mingħajr il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali)

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari ġiet applikata fi 3 kawżi u l-awla assenjata kkunsidrat li l-kundizzjonijiet mitluba ġew issodisfatti fi 2 minnhom. Dawn il-kawżi kienu magħluqa fi żmien medju ta' 2.5 xhur.

F'dak li jirrigwarda l-possibbiltà ta' għoti ta' deċiżjoni mingħajr il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet użu iktar spiss tiegħu. Għalhekk, madwar 52 % tas-sentenzi fl-2009 ngħataw mingħajr konklużjonijiet, waqt li fl-2008 kienu 41 %.

Il-Qorti Ġenerali

Minn perspettiva ta' statistika, is-sena li għaddiet kompliet b'hal ta' qabilha. B'hekk, wieħed jista' jinnota numru sinjifikattiv ta' kawżi ġodda mressqa (568) li, minkejja tnaqqis żgħir meta

mqabbel mal-2008 (629), jibqa' ferm ogħla miċ-ċifri rreġistrati sa issa: 522 fl-2007 u 432 fl-2006. Għalhekk, għalkemm il-titjib fil-volum ta' kawżi ttrattati ġie kkonfermat ukoll (b'555 kawża deċiża, jiġifieri żieda ta' 25 sa 30 % meta mqabbla mas-snin 2006 u 2007), in-numru ta' kawżi pendenti (1191) ma setgħax jitnaqqas minkejja l-isforzi kontinwi u r-riformi meħuda f'din id-direzzjoni.

Barra minn hekk, fir-rigward tat-tul tal-proċeduri, il-bilanċ huwa mħallat. B'hekk, fir-rigward ta' appelli, huwa baqa' fil-livell sodisfaċenti tal-2008 (16.1 xhur). Barra minn dan, it-tul tal-proċeduri naqas fil-qasam tal-proprjetà intellettuali (minn 20.4 xhur fl-2008 għal 20.1 xhur fl-2009), b'mod partikolari minħabba l-implementazzjoni tal-Artikolu 135a tar-Regoli tal-Proċedura (li jippermetti, f'ċerti kundizzjonijiet, deċiżjoni fuq il-mertu mingħajr seduta fil-kawżi li jinvolvu l-proprjetà intellettuali). Madankollu, dan żdied fir-rigward tal-appelli ppreżentati f'oqsma oħra (minn 26 xahar fl-2008 għal 33.1 xhur fl-2009).

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

Il-bilanċ bejn in-numru ta' kawżi magħluqa (155) u n-numru ta' kawżi ġodda mressqa (113) fl-2009, għall-ewwel darba mit-twaqqif tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, huwa ġeneralment pożittiv, u għaldaqstant kien hemm titjib notevoli fin-numru tal-kawżi pendenti tiegħu. In-numru ta' kawżi pendenti huwa biss 175, filwaqt li kien 217 fi tmiem is-sena 2008.

It-tul medju tal-proċeduri kien ta' 15.1 xhur, li jirrappreżenta tnaqqis nett fl-tul medju tal-proċeduri meta mqabbel ma' dak tas-sena ta' qabel, li kien ta' 17-il xahar.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355